MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2013

Citazzjoni Numru. 1144/2012

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**

vs

James **FARRUGIA** u Gaetano u Agnes miżżewġin Farrugia

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf imressaq fid-19 ta’ Novembru, 2012, li bih is-soċjeta’ rikorrenti, għar-raġunijiet hemm imfissra talbet li din il-Qorti:

(i) Tiddikjara u tiddeċiedi illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fiż-żewġ kuntratti pubbliċi tas-

17 ta' Mejju, 2006 u tad-29 ta' April, 2008 (u hawn esebiti bħala Dokument "A u B") partikolarment imma mhux esklussivament, billi l-imħarrkin James Farruġia, bħala d-debitur ewlieni u l-imħarrkin miżżewġin Farruġia bħala garanti solidali tad-debitur ewlieni (a) naqsu milli jħallsu l-pagamenti dovuti lis-soċjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratti, (b) kienu inadempjenti f'obbligi oħra minnhom assunti fl-istess kuntratti sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess imħarrkin li jipperikolaw jew jaffettwaw ħazin il-possibilta' tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjeta' attriċi.

(ii) Tikkundanna lill-imħarrek James Farruġia u lill-imħarrkin Gaetano u Agnes miżżewġin Farrugia flimkien u "in solidum" miegħu jħallsu lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' mija u għaxart elef, ħames mija u sebgħa u erbgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€110,547.54) bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Accounts"* ta' l-imħarrek James Farrugia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dokti "C1 sa C3", u "D1 sa D6") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2012, sad-data ta' l-effettiv pagament;

(iii) Tikkundanna lill-imħarrkin Gaetano u Agnes miżżewġin Farruġia lis-soċjeta' attriċi flimkien u "in solidum" bejniethom flimkien ma' James Farruġia s-somma ta' għoxrin elf disa' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u tletin ċenteżmi (€20,964.36) parti mill-bilanċ għad-debitu fil-"*Loan u l-Overdrafts Account"* ta' l-imħarrek James Farruġia mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok "C1 sa C3" u "D1 sa D6") flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-1 ta' Ottubru 2012 sad-data ta' l-effettiv pagament;

Rat ir-rikors ġie debitament notifikat lill-intimati li naqsu li jippreżentaw risposta fiż-żmien mogħti lilhom mil-liġi u hekk baqgħu kontumaċi;

Semgħet ix-xhieda tas-soċjeta' rikorrenti;

Semgħet l-avukat tas-soċjeta' rikorrenti;

Eżaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw mistħoqqa;

Fil-Kontumaċja tal-intimati taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tilqa' l-ewwel talba** tas-soċjeta' rikorrenti kif dedotta fir-Rikors u ssib li seħħet waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-kuntratti pubbliċi tas-17 ta' Mejju, 2006, fl-atti tan-Nutar Joseph Henry Sciriha u tad-29 ta' April, 2008, fl-atti tan-Nutar Malcolm Camilleri billi l-imħarrek James Farrugia bħala debitur ewlieni u l-imħarrkin Gaetano u Agnes Farruġia, bħala garanti solidali miegħu, naqsu li jħallsu regolarment u fiż-żmien li fih intrabtu li jagħmlu dan mal-Bank attur; billi l-istess imħarrkin naqsu li jwettqu l-obbligi l-oħrajn li ntrabtu bihom; u billi seħħew bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi tal-istess imħarrkin li jolqtu ħazin il-possibilita' tal-ħlas lura tad-debitu lill-istess Bank attur;

**Tilqa' t-tieni talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin James Farruġia u Gaetano u Agnes Farrugia, solidament bejniethom biex ihallsu lill-Bank attur is-somma ta' mija u għaxart elef, ħames mija u sebgħa u erbgħin euro u erbgħa u ħamsin ċenteżmi (€110,547.54) bilanċ għad-debitu fil-*"Loan u l-Overdraft Account*" tagħhom, flimkien mal-imgħax legali ulterjuri fuq dik is-somma b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv;

**Tilqa' t-tielet talba** attriċi billi tikkundanna lill-imħarrkin Gaetano u Agnes miżżewġin Farruġia, flimkien u solidament bejniethom, iħallsu lill-Bank attur is-somma ta' għoxrin elf disa' mija u erbgħa u sittin euro u sitta u tletin ċenteżmi (€20,964.36) rappreżentanti l-biċċa mid-debitu sħiħ fuq imsemmi li għalih l-istess imħarrkin daħlu bħala garanti solidali mal-imħarrek l-ieħor, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq dik is-somma b'seħħ mill-1 ta' Ottubru, 2012, sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** lill-imħarrkin, flimkien u solidament bejniethom, biex iħallsu **l-ispejjez tal-kawża.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------